Mellieħa

21 ta' Frar 2024

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 60**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **60** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tlieta 27 ta' Frar 2024 fil-5.30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

60.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

60.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

60.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

60.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

60.5. Mozzjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2024;

60.6. Mozzjoni dwar l-Istqarrijiet Finanzjarji 2023;

60.7. Mozzjoni dwar ammonti dovuti minn SportMalta;

60.8. Arranġamenti tat-traffiku ġodda fil-Manikata;

60.9. Impjieg ta' uffiċjal fi Skala 15 u ristrutturar tal-uffiċjali fl-iskali tal-impjegati fis-Segretarjat tal-Kunsill;

60.10. Nominazzjonijiet għall-Premju Mara 2023/2024;

60.11. Kunsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

60.12. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONI

### 60.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u

U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 56, u 59 tal-31 ta' Ottubbru 2023, u 31 ta' Jannar 2024, rispettivament, kif ukoll saret Laqgħa Annwali tal-Lokalità għar-residenti, fit-18 ta' Jannar 2018, skont ma jitlob l-imsemmi Att;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2024, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/35)

Dario Vella (Sindku)
**Proponent**

Emvin Bartolo (Kunsillier)
**Sekondant**

### 60.6. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku li tgħid:

"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2023 ġew spjegati fid-dettal waqt is-Seduta tal-Kunsill Nru. 60 u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom, kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduh lill-Uditur Ġenerali, skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)

John Buttigieg (Vici Sindku)
**Proponent**

Joseph Gauci (Kunsillier)
**Sekondant**

### 60.7. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

"Billi mill-kotba tal-kontijiet jirriżulta li bejn il-perjodu 2016-2019 akkumulaw total ta' €353.53 bħala ammonti dovuti minn l-aġenzija SportMalta għall-użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja;

Billi minkejja l-isforzi li saru biex titħallas l-imsemmija somma, din baqgħet ma tħallsitx;

Il-Kunsill jirriżolvi li tali ammont jitqies bħala *bad debt* u għaldaqstant għadu jitħassar mill-kotba, b'effet mis-sena finanzjarja 2024.".

Dario Vella (Sindku)
**Proponent**

Marvin Abela (Kunsillier)
**Sekondant**